MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 596/2012

A B
**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-hmista (15) ta’ Novembru tas-sena elf disa mija u wiehed u disghin (1991);

Illi huma isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali li kopja tieghu hi hawn annessa (Dok. A);

Illi l-partijiet ghandhom zewgt itfal u cioe` X li ghadha minorenni u Y li ghandha 20 sena izda tghix mal-esponent;

Illi l-partijiet irrinunzjaw ghall-manteniment reciproku taghhom kif jirrizulta mill-kuntratt anness filwaqt li l-esponent qed imantni lil Y wahdu u jivversa il-manteniment ta' X lill-intimata;

Illi ma hemmx prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi ghaddew iktar minn erba` snin mid-data tas-separazzjoni legali;

Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din it-talba tissodisfa ir-rekwisiti previsti mill-artikolu 66B;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tordna li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-15 ta' Novembru 1991 ghandu jinhall ai finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti d-Digriet opportun;

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jinnotifika id-Digriet li permezz tieghu qed jinhall iz-zwieg tal-partijiet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta f'terminu li jigi lilu stabbilit minn din l-istess Qorti jigi iskritt fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimata;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Jannar, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partiijiet ilhom legalment separati mit-3 ta’ Mejju 2001 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi it-tfal illi twieldu miz-zwieg jirrisjedu mieghu u illi l-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt illi jitolbu, jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------